

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2296

tal-21 ta' Novembru 2022

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi ⁽³⁾

Billi:

- (1) L-Istati Membri u l-Unjoni jridu jaħdmu biex tiġi żviluppata strateġija kkoordinata għall-impjiegi u b'mod partikolari biex tiġi promossa forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli, kif ukoll swieq tax-xogħol li jkunu orjentati lejn il-ġejjieni u jwieġbu għat-tibdil ekonomiku, bil-ħsieb li jinkisbu l-oġġettivi ta' livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali, tkabbir ibbilanċjat, livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-Istati Membri jridu jikkunsidraw il-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u jridu jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dak ir-rigward fi ħdan il-Kunsill, filwaqt li jqisu l-prattiki nazzjonali marbutin mar-responsabbiltajiet ta' min imexxi u tal-ħaddiema.
- (2) L-Unjoni trid tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 3 TUE. Meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitatijiet tagħha, l-Unjoni trid tqis rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ u l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (3) F'konformità mat-TFUE, l-Unjoni żviluppata u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politiki għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi. Bħala parti minn dawn l-istrumenti, il-Linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ("il-Linji Gwida") stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 ⁽⁴⁾, jiffurmaw il-Linji Gwida Integrati. Dawn iridu jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-politika fl-Istati Membri u fl-Unjoni, filwaqt li jirriflettu l-interdipendenza bejn l-Istati Membri. Is-sett li jirriżulta ta' politiki u riformi kkoordinati Ewropej u nazzjonali għandhom jikkostitwixxu taħlita ġenerali adegwata u sostenibbli ta' politiki ekonomiċi, okkupazzjonali u soċjali li għandhom jiksibu effetti konsegwenzjali pożittivi għas-swieq tax-xogħol u s-soċjetà inġenerali, u jagħtu rispons b'mod effettiv għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-għoli tal-ħajja li qed jiżdied.

⁽¹⁾ Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tal-21 ta' Settembru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Opinjoni tal-21 ta' Ottubru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 tal-14 ta' Lulju 2015 dwar linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 192, 18.7.2015, p. 27).

- (4) Sabiex jissaħħaħ il-progress ekonomiku u soċjali, jiġu ffaċilitata t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jinkisbu swieq tax-xogħol inklużivi, kompetittivi u reżiljenti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, kif ukoll taħliem tul il-ħajja, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali orjentati lejn il-futur u opportunitajiet ta' karriera mtejba permezz tat-tisħiħ tar-rabtiet bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol u r-rikonoxximent tal-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi miksuba permezz tat-taħliem mhux formali u informali.
- (5) Il-Linji Gwida huma konsistenti mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u ma' diversi inizjattivi tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE⁽⁵⁾, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014⁽⁶⁾, 15 ta' Frar 2016⁽⁷⁾, 19 ta' Diċembru 2016⁽⁸⁾, 15 ta' Marzu 2018⁽⁹⁾, 22 ta' Mejju 2018⁽¹⁰⁾, 22 ta' Mejju 2019⁽¹¹⁾, 8 ta' Novembru 2019⁽¹²⁾, 30 ta' Ottubru 2020⁽¹³⁾, 24 ta' Novembru 2020⁽¹⁴⁾, 29 ta' Novembru 2021⁽¹⁵⁾ u 16 ta' Ġunju 2022⁽¹⁶⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402⁽¹⁷⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill(UE) 2021/1004⁽¹⁸⁾, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2021⁽¹⁹⁾, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali, id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁰⁾, id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea⁽²¹⁾, u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati u miżuri relatati.
- (6) Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien l-istrumenti differenti f'qafas ġenerali għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi multilaterali integrati fl-Unjoni. Filwaqt li jsegwi s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika, is-Semestru Ewropew jintegra l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-għodda ta' monitoraġġ tiegħu, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u jipprevedi impenn qawwi mas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Jappoġġa t-tweqqiġ tal-Għanijiet ta'
-
- (5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).
- (6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).
- (7) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (ĠU C 67, 20.2.2016, p. 1).
- (8) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1).
- (9) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).
- (10) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).
- (11) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4).
- (12) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).
- (13) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).
- (14) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1).
- (15) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-29 ta' Novembru 2021 dwar approċċi ta' taħliem imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 21).
- (16) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10), Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontinuità individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26) u Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35).
- (17) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1).
- (18) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).
- (19) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).
- (20) Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) (ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1).
- (21) ĠU L 275, 25.10.2022.

Żvilupp Sostenibbli. Jenħtieġ li l-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jimxu id f'id mat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima, ambjentalment sostenibbli u diġitali, filwaqt li jtejbu l-kompetittività, jiżguraw kondizzjonijiet xierqa tax-xogħol, irawmu l-innovazzjoni, jippromwovu l-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet indaqs u l-konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, kif ukoll jindirizzaw l-inugwaljanzi u d-disparitajiet reġionali.

- (7) It-tibdil fil-klima u sfidi oħra relatati mal-ambjent, il-ħtieġa li titħaffef l-indipendenza enerġetika, tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta u ekwa, li jiġu żgurati l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa, il-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, iż-żieda fit-telexogħol, l-ekonomija tal-pjattaformi u t-tibdil demografiku qed jitransformaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej bil-kbir. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jridu jaħdmu flimkien biex jindirizzaw b'mod effettiv u proattiv dawk l-iżviluppi strutturali u jadattaw is-sistemi eżistenti kif meħtieġ, filwaqt li jirrikonossu l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri u l-politiki relatati. Dan jirrikjedi azzjoni ta' politika kkoordinata, ambizzjuża u effettiva kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġi rikonossut ir-rwol tas-sħab soċjali, f'konformità mat-TFUE u d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-governanza ekonomika, filwaqt li jitqies il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jenħtieġ li tali azzjoni ta' politika tinkludi spinta fl-investment sostenibbli, impenn imġedded għal riformi b'sekwenza xierqa li jsaħħu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, produttività, kondizzjonijiet xierqa tax-xogħol, koeżjoni soċjali u territorjali, konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, reżiljenza u l-eżerċizzju ta' responsabbiltà fiskali, b'appoġġ mill-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²²⁾ u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²³⁾ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali rregolat bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁴⁾, kif ukoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁵⁾. Jenħtieġ li l-azzjoni ta' politika tikkombina miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, filwaqt li tqis l-impatti tagħhom mil-lat ekonomiku, ambjentali, soċjali u tal-impjiegi.
- (8) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽²⁶⁾. Dan jistabbilixxi għoxrin prinċipju u dritt biex jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, strutturati fuq il-bażi ta' tliet kategoriji: opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Il-prinċipji u d-drittijiet jagħtu direzzjoni strateġika lill-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li t-tranżizzjonijiet għan-newtralità klimatika u għas-sostenibbiltà ambjentali, id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil demografiku jkunu soċjalment ekwi u ġusti u jippreservaw il-koeżjoni territorjali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanjah, jikkostitwixxi qafas ta' referenza għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-impjiegi u soċjali tal-Istati Membri, biex imexxi r-riformi fil-livell nazzjonali, reġionali u lokali u biex jirrikonċilja s-suq "soċjali" u s-"suq" fl-ekonomija moderna tal-lum, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inkluż miri ewlenin ambizzjużi iżda realistċi u submiri komplementari għall-2030, fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet, tal-edukazzjoni u tat-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll it-Tabella ta' valutazzjoni soċjali riveduta.
- (9) Fit-8 ta' Mejju 2021, fis-Summit Soċjali ta' Porto, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern irrikonossu il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala element fundamentali tal-irkupru, filwaqt li nnutaw li l-implimentazzjoni tiegħu ser issaħħa l-isforz tal-Unjoni lejn tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta u tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u għall-indirizzar ta' sfidi demografċi. Enfasizzaw li d-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involvement attiv tas-sħab soċjali huma fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. Huma sabu li l-Pjan ta' Azzjoni jipprovdi gwida utli għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet, tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali. Kienu sodisfatti bil-miri ewlenin il-ġodda tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkollhom

⁽²²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁽²³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

⁽²⁶⁾ Proklamazzjoni Interstituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

impjeg), il-ħiliet (mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (b'mill-inqas 15-il miljun persuna, inkluż ħames miljun tifel u tifla), kif ukoll it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta bil-ħsieb li jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali b'ħala parti mill-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, l-Impenn Soċjali ta' Porto appella wkoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li, b'kont meħud tal-pożizzjoni inizjali ta' kull pajjiż, jenħtieġ li jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030. F'Porto, il-Kapjiet tal-Istat jew tal-Gvern innotaw li, issa li l-Ewropa qed tibda tirkupra gradwalment mill-pandemija tal-COVID-19, il-prijorità ser tkun li nimxu mill-protezzjoni għall-ħolqien tal-impjegi u t-titjib tal-kwalità tal-impjegi, u enfasizzaw li l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ser tkun essenzjali biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' aktar impjegi u impjegi aħjar għal kulħadd fil-qafas ta' rkupru inklużiv.

Huma enfasizzaw l-impenn tagħhom għall-għaqda u s-solidarjetà, li jfisser ukoll l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Huma affermaw id-determinazzjoni tagħhom, kif stabbilit mill-Aġenda Strateġika 2019-2024 tal-Kunsill Ewropew, li jkomplu japprofondixxu l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livelli tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Fl-aħħar nett, huma enfasizzaw l-importanza li jiġi segwit mill-qrib, inkluż fil-ogħla livell, il-progress miksub lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030.

- (10) Wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill ikkundanna l-azzjonijiet tar-Russja, li jippruvaw jimminaw is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali, u esprima solidarjetà mal-poplu Ukren, filwaqt li sottomlinja l-ksur tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Fil-kuntest attwali, il-protezzjoni temporanja, kif mogħtija mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 ⁽²⁷⁾ li tattiva d-Direttiva 2001/55/KE, hija neċessarja fid-dawl tal-iskala tal-influss ta' refuġjati u persuni spostati. Din tippermetti lill-persuni spostati mill-Ukrajna jgawdu minn drittijiet armonizzati madwar l-Unjoni li joffru livell adegwat ta' protezzjoni. Billi jipparteċipaw fis-swieq tax-xogħol tal-Ewropa, il-persuni spostati mill-Ukrajna jistgħu jikkontribwixxu għat-tiħ tal-ekonomija tal-Unjoni u jgħinu biex jappoġġaw lil pajjiżhom u lin-nies f'pajjiżhom. Fil-futur, l-esperjenza u l-ħiliet miksuba jistgħu jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna. Għat-tfal u l-adolexxenti mhux akkumpanjati, il-protezzjoni temporanja tagħti d-dritt għall-kustodja legali u aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' politika mmirati lejn l-indirizzar tal-isfidi tal-impjegi u tal-ħiliet, inkluż ir-rikonoxximent ta' kwalifiki, li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Is-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-gwerra f'termini ta' preservazzjoni tal-impjegi u l-produzzjoni.
- (11) Ir-riformi fis-suq tax-xogħol, inkluż il-mekkaniżmi nazzjonali għall-iffissar tal-pagi, jenħtieġ li jirrispettaw il-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, bil-ħsieb li jiġu pprovduti pagi ġusti li jippermettu livell ta' għajxien deċenti u tkabbir sostenibbli u konverġenza soċjoekonomika 'l fuq. Jenħtieġ li jippermettu l-opportunità meħtieġa għal konsiderazzjoni wiesgħa tal-fatturi soċjoekonomiċi, inkluż titjib fis-sostenibbiltà, fil-kompetittività, fl-innovazzjoni, fil-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità, fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, fil-faqar fost dawk li jaħdmu, fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u l-ħiliet, fis-saħħa pubblika u l-inklużjoni kif ukoll fl-introjtura reali. F'dak ir-rigward, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u Fondi oħra tal-Unjoni qed jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li huma konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni, li jagħmlu l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej aktar sostenibbli, reżiljenti u ppreparati aħjar għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fil-kuntest ta' wara l-pandemija tal-COVID-19. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet taggrava l-isfidi soċjoekonomiċi li kienu jeżistu qabel il-pandemija tal-COVID-19. L-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jkomplu jiżguraw li l-impatti soċjali, l-impatti fuq l-impjegi u l-impatti ekonomiċi jittaffew u li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ekwi u ġusti, anke fid-dawl tal-fatt li aktar awtonomija strateġika miftuħa u tranżizzjoni ekoloġika aċċellerata jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u ta' prodotti u teknoloġiji strateġiċi oħra, b'mod partikolari mir-Russja. It-tiħ tar-reżiljenza u t-twettiq ta' soċjetà inklużiva u reżiljenti li fiha n-nies ikunu protetti u jkollhom is-setgħa biex jantċipaw u jiġġestixxu l-bidla, u li fiha jistgħu jipparteċipaw attivament fis-soċjetà u fl-ekonomija, huma essenzjali.

⁽²⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

Huwa meħtieġ sett koerenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li jikkonsisti f'incitivi temporanji ta' reklutaġġ u tranżizzjoni, politiki tal-ħiliet u servizzi tal-impjegi mtejba, biex jappoġġa t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, anke fid-dawl tat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali, kif enfazzat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżguraw ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Jenħtieġ li jiġu promossi kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluż is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali tal-ħaddiema.

- (12) Jenħtieġ li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu appoġġati l-impjegi taż-żgħażaġh. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-aċċess ugwali u l-oportunitajiet għal kulħadd u jenħtieġ li jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fejn jidħlu t-fal, persuni b'diżabbiltà u l-persuni Rom, b'mod partikolari billi jiġu żgurati funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol u sistemi tal-protezzjoni soċjali xierqa u inklużiva, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019, u billi jitneħħew l-ostakli għall-edukazzjoni inklużiva u orjentata lejn il-futur, it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' investimenti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, u fil-ħiliet diġitali u ekoloġiċi. L-aċċess f'waqt u ugwali għal servizzi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa affordabbli, inkluż il-prevenzjoni u l-promozzjoni tal-kura tas-saħħa, huwa partikolarment rilevanti anke fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 li bdiet fl-2020 u f'kuntest ta' soċjetajiet li qed jixxjehu. Jenħtieġ li l-persuni b'diżabbiltà li jikkontribwixxu għat-ktabbir ekonomiku u għall-iżvilupp soċjali jkomplu jilhq u l-potenzjal tagħhom. Mas-seħħ ta' mudelli ekonomiċi u kummerċjali ġodda fil-postijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni, ir-relazzjonijiet tax-xogħol qed jinbidlu wkoll. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-relazzjonijiet tax-xogħol li jirriżultaw minn forom ġodda ta' xogħol iżommu u jsaħħu l-mudell soċjali tal-Ewropa.

- (13) Jenħtieġ li l-Linji Gwida Integrati jsawru l-bażi għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Kunsill jista' jindirizza lill-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi REACT-EU tagħhom stabbiliti bir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁸⁾, li jsaħħaħ il-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 u l-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) sal-2023. Minħabba l-kriżi attwali tal-Ukrajna, ir-Regolament (UE) 2020/2221 kompla jiġi kkomplementat permezz tar-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁹⁾, kif ukoll permezz emenda ulterjuri għar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾ dwar żieda fil-prefinanzjament għal REACT-EU, u permezz ta' kost unitarju ġdid sabiex jgħin biex tithaffet l-integrazzjoni tal-persuni li jtilqu mill-Ukrajna u li jidħlu fl-Unjoni kif previst fir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³¹⁾.

Barra minn hekk, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u fondi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta kif ukoll InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³²⁾, biex irawmu impjegi ta' kwalità u investimenti soċjali, biex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni, biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà, u biex jiġu promossi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, tagħlim tul il-ħajja u edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd, inkluż il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali sabiex jingħataw is-setgħa

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewvu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-thejjiġa ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) nru 1303/2013 u (UE) nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1).

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

⁽³¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 38).

⁽³²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

bl-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa għal ekonomija diġitali u ekoloġika. L-Istati Membri jridu wkoll jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex ⁽³³⁾jappoġġaw lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, bħall-pandemija tal-COVID-19, trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat ta' xejriet aktar globali, u l-bidliet teknoloġiċi u ambjentali. Filwaqt li l-Linji Gwida Integrati huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, jenħtieġ li jiġu implimentati fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-involviment mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll tas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

- (14) Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jridu jimmonitorjaw il-mod li bih il-politiki rilevanti jiġu implimentati fid-dawl tal-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi, skont il-mandati rispettivi tagħhom ibbażati fuq it-Trattat. Dawk il-Kumitati u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill involuti fil-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u soċjali jridu jaħdmu flimkien mill-qrib. Jenħtieġ li jibqgħu id-djalogu dwar politiki bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.
- (15) Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ġie kkonsultat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (il-"Linji Gwida"), kif jinsabu fl-Anness, huma b'dan adottati. Il-Linji Gwida għandhom jiffurmaw parti mil-Linji Gwida Integrati.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iqisu l-Linji Gwida fil-politika dwar l-impjiegi u l-programmi ta' riforma tagħhom, li għandhom jiġu rappurtati f'konformità mal-Artikolu 148(3) TFUE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. NEKULA

⁽³³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

ANNEX

Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv ekonomija soċjali tas-suq sostenibbli u jiffaċilitaw u jappoġġaw l-investment fil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, filwaqt li jisfruttaw ukoll il-potenzjal marbut mat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, fid-dawl tal-mira ewlenija tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jnaqqsu l-ostakli li n-negozji jiffaċċjaw biex jimpjegaw in-nies, irawmu l-intraprenditorija responsabbli u l-impjieg indipendenti ġenwin u, b'mod partikolari, jappoġġaw il-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, inkluż permezz ta' aċċess għall-finanzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija soċjali, irawmu l-innovazzjoni soċjali u l-intrapriżi soċjali, u jinkoraġġixxu dawk il-mudelli ta' negozju li joħlqu opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità u jiġġeneraw benefiċċji soċjali, notevolment fil-livell lokali, b'mod partikolari fl-ekonomija ċirkolari u fit-territorji l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika minħabba l-ispeċjalizzazzjoni settorjali tagħhom.

Wara l-pandemija tal-COVID-19, skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar imfassla tajjeb u arranġamenti simili għandhom jiffaċilitaw u jappoġġaw ukoll il-proċessi ta' ristrutturar, minbarra li jippreservaw l-impjiegi fejn xieraq, filwaqt li jgħinu biex tiġi mmodernizzata l-ekonomija, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet assoċjati. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati inċentivi ta' reklutaġġ u ta' tranżizzjoni mfassla tajjeb u miżuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid sabiex jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjonijiet tul il-ħajja tax-xogħol, u biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, anki fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali u dik ekoloġika, tat-tibdil demografiku, kif ukoll tal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina.

Jenħtieġ li t-tassazzjoni fuq ix-xogħol tgħaddi fuq sorsi oħrajn ta' tassazzjoni li jappoġġaw l-impjiegi u t-tkabbir inklużiv u li huma konformi mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali, filwaqt li jitqies l-effett ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa, kif ukoll l-effetti tagħha fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġi protett id-dħul għal protezzjoni soċjali adegwata u l-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir.

Jenħtieġ li l-Istati Membri, inklużi dawk b'pigi minimi statutorji, jippromwovu n-negozjar kollettiv bil-ħsieb li jiġu stabbiliti l-pigi u jiżguraw involviment effettiv tas-sħab soċjali b'mod trasparenti u prevedibbli, u b'hekk ikun possibbli rispons adegwat tal-pigi għal żvilupp fil-produttività u jirawmu pagi ġusti li jippermettu standard ta' għajxien deċenti, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-gruppi b'introju baxx u medju bl-għan li tissaħħaħ il-konverġenza soċjoekonomika l fuq. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi għall-iffissar tal-pigi jqisu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, inkluż it-tkabbir fl-impjiegi, il-kompetittività u l-iżvilupp regionali u settorjali. Filwaqt li jirrispettaw il-prattiki nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, l-Istati Membri u s-sħab soċjali jenħtieġ li jiżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom pagi adegwati billi jibbenefikaw, direttament jew indirettament, minn ftehimiet kollettivi jew pagi minimi statutorji adegwati, filwaqt li jitqies l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-faqar fost dawk li jaħdmu.

Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwizzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u l-kompetenzi

Fil-kuntest tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, it-tibdil demografiku u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu s-sostenibbiltà, il-produttività, l-impjegabbiltà u l-kapital uman, filwaqt li jrawmu l-akkwizzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi tul ħajjet in-nies u jwieġbu għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, fid-dawl tal-mira ewlenija tal-Unjoni għall 2030 dwar il-ħiliet. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jimmodernizzaw u jinvestu fis-sistemi tagħhom ta' edukazzjoni u ta' taħriġ biex jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-aċċess għat-tagħlim diġitali, it-taħriġ fil-lingwi (eż. fil-każ tar-refuġjati inkluż mill-Ukraina) u l-kisba ta' ħiliet intraprenditorjali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali, mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, mal-intrapriżi u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u jtejbu l-kwalità u r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, anki bil-ħsieb li jippermettu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jindirizzaw l-ispariġġi fil-ħiliet eżistenti u jipprevjenu l-emerġenza ta' nuqqasijiet ġodda, b'mod partikolari għal attivitajiet relatati mar-REPowerEU, bħall-użu tal-enerġija rinnovabbli jew ir-rinnovazzjoni tal-binjiet.

Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom il-professjoni tat-tagħlim, inkluż billi jsir investment fil-kompetenzi diġitali tal-għalliema u ta' min iħarreġ. Jenħtieġ li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jagħtu lill-istudenti kollha kompetenzi kruċjali, fosthom ħiliet bażiċi u diġitali kif ukoll kompetenzi trasversali, biex jitqiegħdu s-sisien għall-adattabbiltà u r-reżiljenza tul il-ħajja, filwaqt li jiġi żgurati li l-għalliema jkunu ppreparati biex irawmu dawk il-kompetenzi fl-istudenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw lill-adulti fl-età tax-xogħol biex ikunu jstgħu jaċċessaw it-taħriġ u jżidu l-inċentivi u l-motivazzjoni tal-individwi biex ifittxu t-taħriġ inkluż, fejn xieraq, permezz ta' intitolamenti

għal taħriġ individwali, bħal pereżempju kontinwità tal-apprendiment, u jiżguraw it-trasferibbiltà ta' tagħhom matul tranżizzjonijiet professjonali, kif ukoll permezz ta' sistema affidabbli ta' valutazzjoni tal-kwalità ta' taħriġ. Jenħtieġ li l-Istati Membri janalizzaw l-użu tal-mikrokredenzjali biex jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà. Jenħtieġ li jippermettu lil kulħadd jantiċipa aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jadatta għalihom, b'mod partikolari permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kontinwi u l-għoti ta' gwida u konsulenza integrati, bil-ħsieb li jiġu appoġġati tranżizzjonijiet ekwi u ġusti għal kulħadd, jissaħħu l-eżiti soċjali, jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u l-ispariġi fil-ħiliet, tittejjeb ir-reżiljenza ġenerali tal-ekonomija għall-iskossi u l-aġġustamenti potenzjali jsiru aktar faċli.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu opportunitajiet indaqs għal kulħadd billi jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ. B'mod partikolari, jenħtieġ li t-tfal jingħataw aċċess affordabbli għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità tajba, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Jenħtieġ li l-Istati Membri jgħollu l-livelli ġenerali tal-kwalifiki, inaqqsu l-għadd ta' dawk li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni tat-tfal minn gruppi żvantaġġati u żoni mbiegħda, jagħmlu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) aktar attraenti, jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja u t-tlestija tagħha, jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjeg għaż-żgħażaġħ permezz ta' traineeships u apprendistati ta' kwalità, kif ukoll iżidu l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim kontinwu, b'mod partikolari fost l-istudenti minn ambjenti żvantaġġati u dawk l-inqas kwalifikati. Filwaqt li jqisu r-rekwiżiti ġodda ta' soċjetajiet diġitali, ekoloġiċi u li qed jixxjeħu, jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fis-sistemi tal-VET tagħhom, inkluż permezz ta' apprendistati ta' kwalità u effettivi, u jżidu l-għadd ta' gradwati fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-ingenierija u fil-matematika (STEM) kemm fil-VET kif ukoll fl-edukazzjoni terzjarja, speċjalment nisa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni terzjarja u, fejn xieraq, tar-riċerka; itejbu l-monitoraġġ u t-tbassir tal-ħiliet; jagħmlu l-ħiliet aktar viżibbli u l-kwalifiki komparabbli, inkluż dawk miksuba barra mill-pajjiż; u jżidu l-opportunitajiet għar-rikonoxximent u għall-validazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba barra mill-edukazzjoni u taħriġ formali, inkluż għar-refuġjati u l-persuni bi status ta' protezzjoni temporanja. Jenħtieġ li jaġġornaw u jżidu l-provvista u l-użu ta' VET kontinwi u flessibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw ukoll lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet biex iżommu jew jiżviluppaw l-impjegabbiltà fit-tul ta' tagħhom billi jżidu l-aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim ta' kwalità u l-użu ta' tagħhom, permezz tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, inkluż valutazzjoni tal-ħiliet, offerta ta' edukazzjoni u taħriġ li tikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol u l-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-persuni qiegħda u lill-persuni inattivi assistenza effettiva, f'waqtha, koordinata u mfassla apposta bbażata fuq appoġġ għat-tiftix tax-xogħol, taħriġ, rikwalifikazzjoni u aċċess għal servizzi abilitanti oħra, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli u lil persuni affettwati b'mod partikolari mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali jew minn xokkijiet fis-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li mill-aktar fis possibbli jitwettqu strateġiji komprensivi li jinkludu valutazzjoni individwali fil-fond ta' persuni qiegħda, mhux aktar tard minn wara 18-il xahar qiegħda, bil-ħsieb li jitnaqqas b'mod sinifikanti u jiġi evitat il-qgħad fit-tul u strutturali. Jenħtieġ li jkomplu jiġu indirizzati l-qgħad fost iż-żgħażaġħ u l-kwistjoni ta' żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs), u dan permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u t-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ rinforzata, li jenħtieġ ukoll li tappoġġa opportunitajiet ta' impjeg ta' kwalità għaż-żgħażaġħ fl-irkupru ta' wara l-pandemija. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu spinta lill-isforzi b'mod partikolari biex jenfasizzaw kif it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali toffri perspettiva mġedda għall-futur u opportunitajiet biex jiġi miġġieled l-impatt negattiv tal-pandemija fuq iż-żgħażaġħ.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għan li jneħħu l-ostakli u d-diżincitivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, u jipprovdu l-inċentivi għaliha, b'mod partikolari għal ħaddiema b'introjtu baxx, dawk li huma t-tieni sors ta' introjtu (ta' spiss nisa) u dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, inkluż il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni tal-persuni Rom emarġinati. Fid-dawl tan-nuqqas kbir ta' ħaddiema f'ċerti okkupazzjonijiet u setturi, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għat-trawwim tal-provvista tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' pagi adegwati u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, kif ukoll politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, waqt li jirrispettaw ir-rwol tas-sħab soċjali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw ukoll ambjent tax-xogħol adattat għal persuni b'diżabbiltà, inkluż permezz ta' appoġġ u servizzi finanzjarji mmirati li jippermettulhom li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

Jenħtieġ li tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi u fil-pagi, kif ukoll l-istereotipi marbuta mal-ġeneri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u aktar parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż billi jiġu żgurati opportunitajiet u progressjoni tal-karriera ugwali u jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għat-tmexxija fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll billi jiġu indirizzati l-vjolenza u l-fastidju fuq ix-xogħol li hija problema li taffettwa

prinċipalment lin-nisa. Jenħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm paga ugwali għal xogħol ugwali, jew xogħol ta' valur ugwali, u t-trasparenza fil-pagi. Jenħtieġ li tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, b'mod partikolari permezz ta' aċċess għal kura fit-tul u servizzi tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ġenituri u persuni oħra b'responsabbiltajiet ta' kura jkollhom aċċess għal liv relatat mal-familja adegwat u arranġamenti flessibbli tax-xogħol sabiex jintlaħaq bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, u jippromwovu użu bilanċjat ta' dawk l-intitolamenti bejn il-ġenituri.

Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Sabiex jibbenefikaw minn forza tax-xogħol dinamika u produttiva u xejriet tax-xogħol u mudelli kummerċjali ġodda, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali fuq kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, trasparenti u prevedibbli, li jibbilanċjaw id-drittijiet u l-obbligi. Jenħtieġ li jnaqqsu u jipprevjenu s-segmentazzjoni fis-swieq tax-xogħol, jiġġieldu kontra x-xogħol mhux iddikjarat u l-impjeg indipendenti fittizju u jrawmu t-tranżizzjoni lejn forum ta' impjeg ta' tul indefinit. Jenħtieġ li r-regoli dwar il-protezzjoni tal-impjeg, il-liġi tax-xogħol u l-istituzzjonijiet jipprovdu kemm ambjent xieraq għar-reklutaġġ kif ukoll il-flessibilità meħtieġa għal min iħaddem biex jadatta malajr għall-bidliet fil-kuntest ekonomiku, filwaqt li jipproteġu d-drittijiet tax-xogħol u jiżguraw il-protezzjoni soċjali, livell xieraq ta' sigurtà u ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u adattati tajjeb għall-ħaddiema kollha. Il-promozzjoni tal-użu ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli bħat-telexogħol tista' tikkontribwixxi għal livelli ogħla ta' impjeg u swieq tax-xogħol aktar inklużivi fil-kuntest tal-ambjent ta' wara l-pandemija. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-ħaddiema f'termini ta' ħin tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol, saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jiġu rispettati. Jenħtieġ li jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż fil-każ ta' ħaddiema tal-pjattaformi, speċjalment jekk ikollhom livell baxx ta' ħiliet, u billi jiġi miġġieled l-abbuż ta' kuntratti atipiċi. F'każijiet ta' tkeċċija inġusta jenħtieġ li jkun garantit l-aċċess għal riżoluzzjoni tat-tilwim li tkun effettiva u imparzjali kif ukoll dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat fejn applikabbli.

Jenħtieġ li l-politiki jkollhom l-għan li jtejbu u jappoġġaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tlaqqiġ tal-offerta mad-domanda tax-xogħol u t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, inkluż f'reġjuni żvantaġġati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jattivaw u jabilitaw b'mod effettiv lil dawk li jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, speċjalment gruppi vulnerabbli bħal persuni b'livell baxx ta' ħiliet, persuni b'diżabbiltà, persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, inkluż persuni bi status ta' protezzjoni temporanja tal-persuni Rom emarġinati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu l-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol billi jżidu l-mira, il-firxa u l-kopertura tagħhom u billi jorbtuom aħjar mas-servizzi soċjali, mat-taħriġ u mal-appoġġ għall-introjt għal persuni qiegħda, waqt li jkun qed ifittxu x-xogħol u fuq il-bażi tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjeg biex jipprovdu assistenza f'waqtha u mfassla apposta lil dawk li qed ifittxu impjeg, jirrispondu għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, u jimplimentaw ġestjoni bbażata fuq il-prestazzjoni, appoġġata wkoll permezz tad-diġitalizzazzjoni.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lil persuni qiegħda benefiċċji tal-qgħad adegwati fuq tul ta' żmien raġonevoli, konformi mal-kontribuzzjonijiet tagħhom u r-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali. Il-benefiċċji tal-qgħad jenħtieġ li ma jkunux ta' diżinċentiv għal ritorn lura ta' malajr għax-xogħol u jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Jenħtieġ li l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema tiġi appoġġata b'mod adegwat bl-għan li jtejbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà tagħhom u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq tax-xogħol Ewropew, filwaqt li jiġi żgurati wkoll kundizzjonijiet ġusti għal dawk kollha li qed iwettqu attività transfruntiera u tiżdied il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-ħaddiema mobbli, bil-benefiċċju tal-assistenza tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol. Jenħtieġ li l-mobbiltà tal-ħaddiema f'okkupazzjonijiet kritiċi u ta' ħaddiema transfruntiera, staġonali u stazzjonati tiġi appoġġata fil-każ ta' għeluq temporanju tal-fruntieri kkażat minn kunsiderazzjonijiet tas-saħħa pubblika.

Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jstinkaw ukoll biex joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għal forum ġodda ta' xogħol, filwaqt li jwettqu l-potenzjal tagħhom għall-ħolqien tal-impjeg u jiżguraw li jkunu konformi mad-drittijiet soċjali eżistenti. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu pariri u gwida dwar id-drittijiet u l-obbligi li japplikaw fil-kuntest ta' kuntratti atipiċi u forum ġodda ta' xogħol, bħal xogħol permezz ta' pjattaformi diġitali. F'dan ir-rigward, is-sħab soċjali jista' jkollhom rwol strumentali u l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġawhom biex jilhq u jirrappreżentaw lin-nies fix-xogħol atipiku u fuq pjattaforma. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jipprovdu wkoll appoġġ għall-infurzar — bħal linji gwida jew taħriġ apposta għall-ispettorati tax-xogħol — dwar l-isfidi li jirriżultaw minn forum ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol, bħall-ġestjoni algoritmika, is-sorveljanza tad-data u t-telexogħol permanenti jew semipermanenti.

Filwaqt li jibnu fuq prattiki nazzjonali eżistenti, u sabiex jiksbu djalogu soċjali aktar effettiv u eżiti soċjoekonomiċi aħjar, inkluż fi żminijiet ta' kriżi bħal fil-każ tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-għoli tal-ħajja li qed jiżdied, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u politiki tal-impjiegi, soċjali, u, fejn rilevanti, ekonomiċi, inkluż permezz ta' appoġġ għal kapaċità akbar tas-sħab soċjali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv. Jenħtieġ li s-sħab soċjali jiġu mħeġġa jinneozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva.

Fejn rilevanti u filwaqt li jibnu fuq prattiki nazzjonali eżistenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-esperjenza rilevanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet ta' impjiegi u soċjali.

Linja Gwida 8: Nippromwov u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwov swieq tax-xogħol inklużivi u miftuħa għal kulħadd, billi jdaħħlu fis-seħħ miżuri effettivi għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u jippromwov opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u b'mod partikolari għal gruppi li mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jagħtu attenzjoni xierqa lid-dimensjoni reġjonali u territorjali. Jenħtieġ li jiżguraw it-trattament ugwali fir-rigward tal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal, il-kura fit-tul, l-educazzjoni u l-aċċess għal oġġetti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni, irrispettivament mill-ġeneru, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jipprovdu protezzjoni soċjali adegwata, effettiva, effiċjenti u sostenibbli għal kulħadd, matul l-istadi kollha tal-ħajja, filwaqt li jrawmu l-inklużjoni soċjali u l-mobbiltà soċjali għall-aħjar, jinċentivaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, jappoġġaw l-investiment soċjali, jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u jindirizzaw l-inugwaljanzi, inkluż permezz tat-tfassil tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji tagħhom u billi jivvalutaw l-impatt distributtiv tal-politiki. L-approċċi universali kkomplementati b'approċċi mmirati jtejb u l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali jenħtieġ li jkollha wkoll l-għan li ttejjeb ir-reżiljenza tagħhom għal sfidi multidimensjonali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u mill-għoli tal-ħajja li qed jiżdied.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jivviluppaw u jintegraw it-tliet linji ta' inklużjoni attiva: appoġġ adegwat għall-introjtu, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' sostenn ta' kwalità, li jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali. Jenħtieġ li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jiżguraw benefiċċji adegwati għall-introjtu minimu għal dawk kollha li ma għandhomx biżżejjed riżorsi u jippromwov l-inklużjoni soċjali billi jappoġġaw u jħeġġu lin-nies jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà, inkluż bil-provvediment immirat ta' servizzi soċjali.

Id-disponibbiltà ta' servizzi bi prezz li jintlaħaq, aċċessibbli u ta' kwalità bħall-educazzjoni u kura bikrija tat-tfal, il-kura barra l-iskola, l-educazzjoni, it-taħriġ, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul hija kundizzjoni neċessarja biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu, f'konformità mal-mira ewlenija tal-Unjoni għall-2030 dwar it-tnaqqis tal-faqar. Jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mod speċjali l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali permezz ta' miżuri komprensivi u integrati, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kulħadd, inkluż it-tfal, ikollu aċċess għas-servizzi essenzjali ta' kwalità tajba. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw aċċess għal akkomodazzjoni soċjali adegwat jew assistenza ta' akkomodazzjoni għal dawk fil-bżonn jew f'qagħda vulnerabbli. Jenħtieġ li jiżguraw tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta u jindirizzaw il-faqar enerġetiku bħala forma dejjem aktar importanti ta' faqar minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, parzjalment marbuta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' miżuri temporanji ta' appoġġ għall-introjtu mmirati jew bl-adattament tal-miżuri ta' appoġġ eżistenti. Jenħtieġ li jiġu implimentati wkoll politiki inklużivi dwar ir-rinnovazzjoni tad-djar. B'raba ma' dawk is-servizzi, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabbiltà, inkluż l-aċċessibbiltà. Jenħtieġ li tiġi indirizzata b'mod speċifiku l-problema ta' persuni mingħajr dar. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa preventiva u kurattiva u kura fit-tul ta' kwalità tajba u bi prezz li jintlaħaq, filwaqt li jħarsu s-sostenibbiltà fit-tul.

F'konformità mal-attivazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ⁽¹⁾, jenħtieġ li l-Istati Membri joffru livell adegwat ta' protezzjoni lill-persuni spostati mill-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa għall-minorenni mhux akkumpanjati. Jenħtieġ li jiġi żgurat li t-tfal ikollhom aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal u għas-servizzi essenzjali f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

F'kuntest tat-tul ta' ħajja li qed jiżdied u t-tibdil demografiku, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, filwaqt li jipprovdu opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jiksbu u jakkumulaw id-drittijiet tal-pensjoni, inkluż permezz ta' skemi supplementari biex jiġi żgurat introjtu adegwat fix-xjuħija. Ir-riformi tal-pensjonijiet jenħtieġ li jkunu appoġġati minn politiki li jkollhom l-għan li jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u miżuri li jtawlu l-ħajja tax-xogħol, pereżempju biż-żieda tal-età effettiva tal-irtirar, b'mod partikolari billi jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni akbar fl-età, u jenħtieġ li jitqiegħdu f'kuntest ta' strateġiji għat-tixjijh attiv. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu djalogu kostruttiv mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u jippermettu introduzzjoni gradwali xierqa tar-riformi.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).